

I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet, Orjentazzjonijiet u Opinjonijiet)

OPINJONIJIET

BANK ĊENTRALI EWROPEW

Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew

tal-5 ta' Lulju 2007

fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward ta' l-introduzzjoni ta' l-euro f'Ċipru, dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward ta' l-introduzzjoni ta' l-euro f'Malta, dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 fir-rigward tar-rata ta' konverżjoni għall-euro għal Ċipru u dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 fir-rigward tar-rata ta' konverżjoni għall-euro għal Malta

(CON/2007/19)

(2007/C 160/01)

Introduzzjoni u bażi legali

Fil-25 ta' Mejju 2007, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talbiet mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward ta' l-introduzzjoni ta' l-euro f'Ċipru ⁽¹⁾, u għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 974/98 fir-rigward ta' l-introduzzjoni ta' l-euro f'Malta ⁽²⁾. Fl-4 ta' Lulju 2007, il-BĊE irċieva talbiet mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 fir-rigward tar-rata ta' konverżjoni għall-euro għal Ċipru ⁽³⁾, u għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 fir-rigward tar-rata ta' konverżjoni għall-euro għal Malta ⁽⁴⁾. (Minn issa 'l quddiem "ir-regolamenti proposti").

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 123(5) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita` Ewropea. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

1. Osservazzjonijiet

1.1 Ir-regolamenti proposti se jagħmlu possibbli l-introduzzjoni ta' l-euro bħala l-valuta ta' Ċipru u ta' Malta, wara r-revoka tad-derogi ta' Ċipru u ta' Malta skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 122(2) tat-Trattat.

1.2 Il-BĊE jilqa' ir-regolamenti proposti.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fil-5 ta' Lulju 2007.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ COM(2007) 257 finali.

⁽²⁾ COM(2007) 260 finali.

⁽³⁾ SEC(2007) 836 finali.

⁽⁴⁾ SEC(2007) 837 finali.